MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 41

21 ta' Gunju 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Il-Laqgħa bdiet ħames minuti tard. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa bl-eċċezzjoni tas-Sinjuri Abela u Scerri li kienu għadhom ma waslux.

## 41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

41.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

41.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li saret korrezzjoni taħt Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera mis-Sur Raymond Azzopardi fejn ma ntqalx li hu kien semma suġġeriment biex issir Zebra Crossing Linja ma' Victor Vassallo. Din il-korrezzjoni ġiet approvata. Is-Sur Alfred Zammit fakkar ukoll fl-entratura tal-plottijiet fi Triq il-Pitkali sabiex jitnaddfu.

## 41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

41.3.1 Siġra fi Triq Victor Vassallo li ħareġ il-permess sabiex tinqala'. Kulħadd qabel li mhux il-perjodu addattat biex tinqala' siġra u għalhekk ġie propost li tinqala' f'Ottubru. Is-Sur Cassar propona wkoll li tinxtara minn issa biex nilħqu nkabbruha. Kulħadd qabel. Is-Sinjura Marisa Abela daħlet f'dan il-mument 5.40pm.

41.3.2 Talba sabiex jiġu approvati:

€300 First Aid Courses għat-Tfal fi ħdan is-Summer Club tal-Parroċċa u
€300 Gwardjani Lokali sabiex tingħalaq Triq Ħaż-Żebbuġ waqt il-ħruq tan-nar tal-ajru .
Kulħadd qabel

41.3.3 Talba sabiex isir *Solar Charger Device Unit*. Il-Kunsill qabel li tinġab stima.

41.3.4 Is-Sindku talab sospensjoni. Il-laqgħa tkompliet ftit wara.

41.3.5 Is-Sindku ressaq numru ta' talbiet t'oġġezzjoni tat-talba sabiex Triq iż-Żraġen issir one-way. Hu qal li l-aħjar issir laqgħa. Kulħadd qabel.

41.3.6 Li saru l-U bends fi Triq il-Mosta sabiex jitnaqqas l-abbuż ta' pparkjar bl-addoċċ ħdejn l-iskola u sabiex ikun hemm flow ta' traffiku iktar organiżżat.

## 41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

41.4.1 Is-Sur Alex Mangion talab li:

- Jsir xi ħaġa fuq toroq li saru *race tracks* f'ċertu żoni. Hu qal li rċieva rapport li qed isiru tlielaq biż-żwiemel bil-lejl. Is-Sur Cordina qal li s-sorveljanza mill-Pulizija żdiedet.

41.4.2 Is-Sur Alfred Zammit saħħaq fuq:

- Biex jitnaddfu l-plottijiet ta' ħdejn Crayons u AtoZ, Triq il-Pitkali, fil-każ isir rapport l-Għassa. Is-Sur Cordina qal li sa jsiru imma jitnaddaf sa fejn għandu jitnaddaf imma żgur mhux sa jsir tindif fil-privat.
- Saqsa fuq ix-xogħol li qed jagħmel il-Contracts Manager. Li ġonna jidhru tajbin imma l-knis qata' lura. Is-Sur Cordina wera file ta' rapporti sħaħ fuq xogħol il-kuntrattur u jidher biċ-ċar mir-rapporti li x-xogħol qed isir.

41.4.3 Is-Sur Ralph Cassar:

- Li jiġi rranġat il-culvert fi Triq l-Għarix r-roti u li l-gradilji jsiru 90 degrees
- Għamel kuntatt ma' Stefan Cassar ta' Grow 10 Trees u qal li huma għandhom sponsors imma jista' jkun hemm spejjeż żgħar. Bħalha permessi qal li jrid isir kuntatt mal-Lands biex tintuża l-area u sabiex jintuża l-ġibjun li jridu jsirulu xi tiswijiet.
- Fakkar fuq Ekofesta sabiex jinġabu kontenituri minn Greenpak u li jiġi assigurat li jkollhom tabelli tajbin għax is-sena l-oħra ma kellhomx. Fil-każ nużaw l-i*stickers* tagħna. Fakkar ukoll sabiex l-iskrivana tibgħat l-ittri tas-soltu lill-Każini.

41.4.4 Is-Sur John Debono:

- Qal li l-Kuntrattur kien qed innaddaf il-ħaxix fit-toroq bl-imgħażqa.
- Li nbnew xi parapetti fi Triq il-Kappella tal-Mirakli. Is-SE qalet li nbnew bil-permess.
- Li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart bidel il-ħin. Is-SE qalet li fis-Sajf jibda ftit iktar tard u li ċertu ġranet bħall-Ħamis jgħaġġel iktar.
- Saqsa meta se jsiru l-bankini tal-Kitchen Garden.
- Rrimarka wkoll li meta l-Gvern ħareg skema ta' bini ta' sular ieħor f'certu żoni bħal fl-area tiegħu żdiedu 17-il familja. Issa wasal iż-żmien li l-Kunsill jitlob TM li jibda jsir parkeġġ fl-isplays kbar minħabba li l-problema ta' Parkeggi qed tiggrava.
  Is-Sur Cordina qal li r-residenti stess qed iċemplu biex iħarrku pero' jista' jsir sampling bi Triq iż-Żnuber u Triq il-Ponsjetta.

41.4.5 Is-Sinjura Marisa Abela:

- Li l-bozza maqtugħa fi Triq Pawlu Borg mal-ħajt għadha maqtugħa. Din se terġa tiġi rrappurtata.

41.4.6 Is-Sur Connie Scerri:

- Li l-Blood Mobile Unit kien suċċess
- Li forsi tinġab informazzjoni fuq Guze' D'Amato mingħand is-Sur Antony Tabone u ta' min ukoll ikun jaf min kien A. Durer.

41.4.7 Is-Sur R. Azzopardi propona li:

- jsir *refreshing* tal-*markings* fi Triq Victor Vassallo

## 41.5 Rapporti

41.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 41.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

40.6.1 Approvati.

## 41.7 Mozzjonijiet; u

41.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 41.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

41.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Lulju 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Lulju 2018.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv